# JUM TAX-XITA F'MEJJU

*Ta'* Joe Busuttil

Kollox mitluq...
Kollox imħeddel...
Kollox għajjien...
Minsi fil-ġnien.

Xi ġralha l-ħajja l-lum?
Għax siktet, għax inħbiet?
Għaliex is-sema griż,
Bla xemx, bla dawl, bla ħajr?
Għaliex tlellixhom tilfu
L-ilwien sbieħ, u sfaw
Għajnejna msammra biss
Fuq taqtir t'ilma nieżel
Jiżżerżaq bla ġost mal-ħġieġ?

Ma jwieġeb ħadd,
Hlief min mitluq u għajijen
Wisq iżjed minn oħrajn,
Iħoss tal-għana l-ħeġġa,
Iħoss tal-għana l-ħrara,
Iqum minn nagħsa bierda,
Iqum minn nagħsa ħelwa,
U jfarraġ lill-imbikkem bniedem ħuh,
Billi jroxx tqanqil ir-ruħ.

Tal-għaxija jħoss iż-żiffa
B'ġwinħajha sewdenin
Iriegħxu wiċċ il-baħar,
Iħarrku l-qalb mifluġa,
Iħarrku l-moħħ għajjien.

Mhux għalxejn din l-għeja u sfura,
Mhux għalxejn dan it-twegħir:
Fil-qalb u l-moħħ tisfija,
Fil-qalb u l-moħħ thejjija
Għall-hena u s-sbuħija!